**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Mejju, 2021**

Rikors Numru: 425/20 AL

A B

vs

C B

(M.R. nru. 1012/1996)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iż-żwieġ fit-8 ta' Ġunju tas-sena 1996 (Dokument AS 1) u miż-żwieġ tagħhom kellhom żewġt itfal, D u E aħwa B, illum maġġorenni.

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppublikat minn-Nutar Dottor Joseph Debono fl-erbgħa ta' Mejju tas-sena elfejn (04.05.2000) (Dokument AS2)

3. Illi kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni tagħhom irregolaw l-obbligi tal-ħlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi tagħhom illi jitolbu l-manteniment mingħand xulxin (Artikolu 3(a) a fol. 2). Fir-rigward tal-manteniment għall-ulied tal-kontendenti, l-ulied llum huma maġġorenni u l-ammonti dovuti mill-intimat lir-rikorrenti bħala spejjeż ta' edukazzjoni, saħħa u kultura tal-ulied jinsabu regolati permezz ta' sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Zghar tad-19 ta' Settembru 2016.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Illi għalhekk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex meħtieġ illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smigħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Jannar 2021;

Rat illi l-intimat prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti wiegeb li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta’ Mejju, 2000;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi ż mien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.